MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2004

Numru 534/1995

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sandro Zarb)**

**vs**

**Khalifa Najar Ben Ammar**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi kontra l-imputat Khalifa Najar Ben Ammar bin Ammar u Salista ta' nazzjonalita Tunezina imwieled Sfax ta' passaport numru Go95703 akkuzat talli:

1. matul dawk l-ahhar xhur iffalsifika sigilli, timbri jew marki ohra li qeghdin sabiex jissigillaw, jittimbraw jew jimmarkaw fl-isem tal-Gvern jew ta' l-awtoritajiet tieghu dokumenti jew oggetti ta' proprjeta' pubblika jew li jkunu qeghdin that kustodja pubblika;

2. xjentement ghamel uzu minn dawn is-sigilli, timbri jew marki;

3. sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz;

4. ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor iffalsifikat;

Il-Qorti mitluba li minbarra li taghti l-piena stabbilita mill-ligi tiddikjara lill-imsemmi persuna bhala immigrant ipprojbit u tohrog ordni ta' tnehhija kontra tieghu skond l-Artikolu 5(2)d tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema sommarjament.

Rat li l-imputat ma opponiex.

Ezaminat ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

L-akkuzi kontra l-imputat jittrattaw is-segwenti reati taht il-Kodici Kriminali:

- l-Artikolu 172(1) tal-kap 9 li jikkontempla l-falsifikazzjoni ta' sigilli, timbri, jew marki ohra (mhux is-sigill pubbliku ta' Malta li hu trattat fl-artikolu li jigi immedjatament qabel);
- l-Artikolu 172(2) tal-imsemmi kap li jitratta l-uzu ta' l-imsemmija sigilli, timbri jew marki iffalsifikati;
- l-Artiklu 188 li jikkontempla d-dikjarazzjoni falza jew taghrif falz lil awtorita' pubblika;
- l-Artikolu 189 li titratta kazijiet ohra ta' falsifikazzjoni u uzu ta' dokumenti foloz.

Illi mill-provi jirrizulta li l-imputat kien f'Settembru 1995 ikkontratta zwieg civili ma maltija gewwa Sfax Tunesija u meta xi gimghat wara wasal Malta flimkien ma' martu hu gie detenut. Mill-atti jirrisulta li z-zwieg kontrattat it-Tunezija gie rikonoxxut ukoll Malta u konsegwentement ghandu wiehed jifhem li l-imputat seta jidhol, jirrisjedi u jahdm hawn Malta.

Il-falsifikazzjoni titratta d-dokument VGI, folio 28, li skond kif jistqarr l-Ispettur Neville Xuereb, mhuwiex awtentiku kemm ghaliex ma jinharigtx skond dak il-format mill-Pulizija u wkoll stante li l-firma tal-Ispettur Neville Xuereb mhiex tieghu. Issa apparti li tali dokument mhux rikjest mill-awtoritajiet Tunisini, minn imkien ma jirrisulta li kien l-imputat li ghamel hu l-falsifikazzjoni, anzi hu muri l-kuntrarju mic-cirkostanzi.  Ukoll ma jirrizultax li l-imputat xjentement ghamel uzu mill-istess.

Issa billi l-akkuzi kollha jibbazaw fuq dan id-dokument li m'hemmx dubbju jikkontjeni firma falza tal-Ispettur Neville Xuereb, stante li imkien ma gie pruvat li kien l-imputat responsabbli ghal dan jew li kellu x'jaqsam ma din il-falsifikazzjoni tiddecidi li ma ssibx htija skond l-akkuzi u kwindi qeghdha tillibera lill-imputat minn kull htija u piena.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------